

**Appell ipprezentat fit-12 ta' Dicembru 2012 minn Shell Petroleum NV, The Shell Transport and Trading Company Ltd, Shell Nederland BV mis-sentenza mogħtija (Is-Sitt Awla) fis-27 ta' Settembru 2012 fil-Kawża T-343/06, Shell Petroleum NV, The Shell Transport and Trading Company Ltd, Shell Nederland BV vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-585/12 P)**

(2013/C 55/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Appellanti: Shell Petroleum NV, The Shell Transport and Trading Company Ltd, Shell Nederland BV (rappreżentanti: O.W. Brouwer, W. Knibbeler, A.A.J. Pliego Selie, P. van den Berg, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet tal-appellanti

- tannulla l-paragrafi tas-sentenza kif mitlub fl-appell,
- tagħti sentenza finali u tannulla d-deċiżjoni kkontestata jew tnaqqas il-multa kif mitlub fl-appell, jew, sussidjarjament, tirrinġiha l-kawża quddiem il-Qorti Ġeneral sabiex din tiddeċiha skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ħlas tal-ispejjeż.

#### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti jinvokaw żewġ aggravji. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġeneral parżjalment ċaħdet ir-rikors ippreżentat mill-appellanti għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Settembru 2006 (Nru C(2006) 4090 finali), dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE (Każ COMP/F/38.456 — Bitume).

Bl-ewwel aggrajju tagħhom, l-appellanti jsostnu bir-rispett li l-Qorti Ġeneral wettqet żbalji ta' liġej u naqset milli tagħti motivazzjoni suffiċċenti jew adegwata meta kkonkludiet li d-deċiżjoni kkontestata turi skont il-livell legali meħtieġ li l-istess impriżza wettqet ksur ripetut. Il-Qorti Ġeneral wettqet ukoll żball ta' liġej u naqset milli tagħti motivazzjoni suffiċċenti jew adegwata billi kkonkludiet li l-kundizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza tal-Kawża T-203/01, Michelin, ġew sodisfatti. Finalment, il-Qorti Ġeneral wettqet żball ta' liġej billi ċaqilqet l-oneru tal-prova għall-appellant.

Permezz tat-tieni aggrajju tagħhom, l-appellanti jsostnu bir-rispett li l-Qorti Ġeneral wettqet żball ta' liġej u naqset milli tagħti motivazzjoni suffiċċenti jew adegwata meta kkonkludiet

li l-Kummissjoni Ewropea kienet intitolata li tinkludi l-bejgħ tal-prodott C Mexphalte fil-kalkolu tal-multa. Il-Qorti Ġeneral barra minn hekk żbaljat fil-proċedura billi naqset li tindirizza ċerti argumenti mressqa mill-appellant. Barra minn hekk, il-Qorti Ġeneral naqset milli tagħti motivazzjoni suffiċċenti jew adegwata billi naqset li tindirizza l-linkonsistenza li tirriżulta mill-fatt li bitume industrijali għie eskluż mill-kalkolu tal-multa. Il-Qorti Ġeneral żnaturat ukoll il-provi essenziali billi qagħdet fuq interpretazzjoni mhux eż-żarr ta' dokument kruċċali biex tintlaħaq konklużjoni fuq Mexphalte C li evidentement ma tistax tigħi dedda minn dan id-dokument. Il-Qorti Ġeneral barra minn hekk wettqet żball ta' liġej u naqset milli tagħti motivazzjoni suffiċċenti jew adegwata meta bidlet l-ammont tal-multa skont l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġeneral wettqet żball ta' proċedura u kisret ir-regoli li jirregolaw l-oneru tal-prova billi ma investiqatx jekk il-Kummissjoni Ewropea kisritx il-prinċipju ta' trattament ugħwali billi inklu-diet, fil-multa fuq il-appellant, il-bejgħ ta' Mexphalte C.

---

**Appell ippreżentat fl-10 ta' Diċembru 2012 minn Bimbo, SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (Is-Seba' Awla) fl-10 ta' Ottubru 2012 fil-Kawża T-569/10 — Bimbo, SA vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

**(Kawża C-591/12)**

(2013/C 55/09)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Appellanti: Bimbo, SA (rappreżentanti: C. Prat, avukat, R. Ciullo, Barrister)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni); Panrico SA

#### Talbiet tal-appellanti

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġeneral (is-Seba' Awla) tal-10 ta' Ottubru 2012, fil-Każ T-569/10;
- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tas-7 ta' Ottubru 2010 (Każ R 838/2009-4), peress li tikser l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 (¹);
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

#### Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell, l-appellant tħalli tqajjem eċċeżżjoni unika, billi jalegħa ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.